MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 756/2001/1

**Mifsud Automobiles Limited**

**vs**

**Doris Pulo**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm1,792) import ta' erbatax-il kambjala ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm128) il-wahda li skadew.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri bonarji tat-30 ta'Gunju, 1999, u tal-11 ta' Lulju, 2001, u l-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-9 ta' Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.